MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 787/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1173/10 fl-ismijiet :**

**Paul Chetcuti (ID 318870M)**

***kontra***

**Anthony Chetcuti (ID 271260M)**

**Louis Chetcuti (ID 141763M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fit-28 ta` Lulju 2010 minn Victoria Chetcuti ("ir-rikorrenti") kontra Paul Chetcuti ("l-intimat") fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet li

jitnehha l-Mandat ta` Sekwestru fuq riferit ghaliex tghid li jikser dak li hemm provdut fl-Art.836(1)(c),(d),(e) u (f) u fl-Art.836(8)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll talbet l-kundanna tal-intimat ghall-hlas ta` penali ta' mhux anqas minn €1,164.69 u ta` mhux izjed minn €6,988.12 skond kif jipprovdi l-Art.836(8) tal-Kap.12. Fin-nuqqas l-intimat jaghti garanzija xieraq u adegwata biex taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet u qed issofri r-rikorrenti.

Qieset ir-risposta bil-fomm tal-intimat li saret fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010 li kienet registrata bit-tape u traskritta (fol 11 sa fol 18) fejn, ghar-ragunijiet moghtija, ikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-atti ta` dan il-procediment.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010 fejn halliet dan il-procediment ghall-ghoti ta` provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (u cioe` r-rikorrenti fl-istanza tal-lum) jipprocedi skond l-Art.836(1) tal-Kap.12 sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat biss li jressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1). Skond il-ligi ir-rikors m'ghandux ghalfejn ikun mahluf. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti kkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament.

Fil-kaz in esami, ir-rikorrenti ressqet it-talba taghha abbazi ta' erbgha (4) mir-ragunijiet indikati fl-**Art.836** tal-Kap.12 :-

il-paragrafu **(c)** li jghid :-

*li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, inkella jekk dik il-garanzija ohra tista` ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.*

il-paragrafu **(d)** li jghid :-

*jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*
il-paragrafu **(e)** li jghid :-

*jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed.*

il-paragrafu **(f)** li jghid :-

*jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

L-**Art.836(8)** tal-Kap.12 jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun ippresentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f'numru specifikat ta' kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-istess subartiklu. Ir-rikorrenti qeghda tghid li din il-Qorti ghandha timponi penali abbazi tal-paragrafu **(d)** u cioe` :-

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Hemm imbaghad l-**Art.838A** tal-Kap.12 li jghid :-

*Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti qeghda titlob li l-Mandat de quo jitnehha fil-konfront taghha.

Ghal fini ta` dan il-prosediment, ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament ir-ragunijiet taghha sabiex issostni t-talba ghar-revoka tal-mandat in kwistjoni. Min-naha tieghu, l-intimat illimita ruhu li jirribatti r-ragunijiet tar-rikorrenti permezz ta` sottomissjonijiet bil-fomm li ressaq id-difensur tieghu fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010.

Fil-**provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005** kien inghad hekk -

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti.*

Sabiex procedura ta` din ix-xorta tirnexxi ghar-rikorrent, jehtieg jipprova li *prima facie* r-ragunijiet tieghu huma fondati. Sabiex isir hekk, mhux necessarju ghall-Qorti li tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Anzi l-Qorti hija prekluza milli tidhol fil-mertu specjalment fil-kaz tal-lum fejn il-kawza fil-mertu qieghed jigi trattat quddiem din il-Qorti.

Minn qari bir-reqqa tar-rikors tal-lum, huwa evidenti li r-rikorrenti baqghet lura milli ttratta l-kwistjoni fil-mertu u llimitat ruhha sabiex tghid ghala anke *prima facie* l-mandat kif dedott kontriha ghandu jigi revokat.

Skond il-kawzali indikata mill-intimat, is-somma li l-mandat de quo qieghed jikkawtela tkopri : (a) sehmu mill-wirt ta` missieru Joseph Chetcuti nkluz flus misapproprijati u (b) danni fuq assi tal-eredita`.

Dwar l-ewwel pretensjoni tieghu u cioe` dik markata (a), mhijiex kontestata l-pretensjoni tar-rikorrenti li fl-assi ereditarji ta` Joseph Chetcuti hemm *prima facie* bizzejjed immobbli li l-valur taghhom jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni tal-intimat ghall-hlas ta' sehmu. Id-dettalji tal-immobbli u stimi relattivi huma hwejjeg rilevanti ghall-kawza fil-mertu.

Dwar it-tieni pretensjoni u cioe` dik markata (b), mhijiex kontestata l-pretensjoni tar-rikorrenti li hija personalment ma kkagunat l-ebda danni fl-assi ereditarji ta` Joseph Chetcuti. *Prima facie* hekk jirrizulta anke mid-Dok.VA1 a fol 5 tal-process.

Din il-Qorti kienet irrevokat il-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2097/2009 bid-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2010 ghal ragunijiet differenti. Ghalhekk ma jregux l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegata malizzja tal-intimat bhala l-motivazzjoni ewlenija tieghu ghall-presentata tal-Mandat tal-lum.

Ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti hija sodisfatta li hemm ragunijiet fondati bizzejjed skond l-Art.836(1)(c) (d) (e) u (f) tal-Kap.12 ghar-revoka tal-mandat de quo <u>limitatament fil-konfront</u> <u>tar-rikorrenti</u>, fl-istess waqt, wara li

qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, ma ssibx li ghandha tapplika dak li jipprovdi l-Art.836(8) tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi hekk –**

**<u>Fl-ewwel lok</u>, tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1173/2010[*1] fl-ismijiet "*Paul Chetcuti (ID 318870M) vs Anthony Chetcuti (ID 271260) Louis Chetcuti (ID 141763M) Victoria Chetcuti (ID 186768M)*" limitatament u esklussivament fil-konfront tar-rikorrenti Victoria Chetcuti (ID 186768M)**

**<u>Fit-tieni lok</u>, tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Art.836(8) tal-Kap.12.**

**<u>Fit-tielet lok</u>, tordna li l-intimat Paul Chetcuti ihallas jbati l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment.**

***[*1] – Numri sostitwiti b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2010.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------